MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 23

24 ta' Frar 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.03pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post, kienu preżenti fil-ħin.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

23.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha l-ittri t'apoloġiji tas-Sur John Bonnici u s-Sur Remigio Bartolo

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 22 flimkien ma dawk tal-lum fil-laqgħa li jmiss..

## 23.3 Rapporti

23.3.1 *Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji Mhux Awditjati*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kulħadd kellu kopja tal-Estimi Finanzjarji quddiemu u għalhekk talbithom imorru paġna 5, fejn tat spjega fuq il-bilanċ tad-*deficit* li kien jammonta għal €24,188.

Hi qalet li r-riżultat tal-2025 kien telf ta' €24k, li jirrappreżenta titjib meta mqabbel mar-riżultat tas-sena li għaddiet li kien telf ta' €181k, jiġifieri titjib ta' €157k. Il-movimenti ewlenin li wasslu għal dan it-tnaqqis fit-telf huma dawn li ġejjin:

1. Miżuri ta' tnaqqis fl-ispejjeż – fl-2025 sar tnaqqis drastiku fl-ispejjeż operattivi, prinċipalment relatati mat-tindif tat-toroq (€52k), tindif u manutenzjoni tal-*parks* u ġonna (€20k), u manutenzjoni tat-toroq u bankini (€23k), hawnhekk kompliet tgħid li allvolja tnaqqsu l-ispejjeż, it-toroq xorta inżammu siguri (dawn jammontaw għal madwar €95k b'kollox);

2. Mill-bidu tal-2025, l-ispejjeż relatati mal-ġbir tal-iskart bdew jiġu assorbiti mill-Kunsilli Reġjonali minflok mill-kunsilli lokali. Dan wassal għal €215k inqas spejjeż għall-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard. Madankollu, fl-istess ħin naqset l-allokazzjoni trimestrali tal-gvern għall-kunsill lokali b'€130k, u għalhekk dan irriżulta f'introjtu nett ta' €85k;

3. Spejjeż li ma reġgħux saru fl-2025 li jammontaw għal €35k – dawn jinkludu:

- mill-1 ta' Ġunju 2025, il-kirja tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard fi Triq Sant'Anna ġiet terminata, li rriżulta f'madwar €8k inqas spejjeż minn dawk tal-2024; u
- €16k li ntefqu fl-2024 għal servizzi promozzjonali relatati mal-ftuħ taċ-Ċentru ta' Kultura, Edukazzjoni u Informazzjoni fi Ġnien l-Istazzjon, kif ukoll

€11k spejjeż ta' project management u perizja, relatati ma' dan iċ-ċentru, li ma reġgħux saru fl-2025;

4. Żieda fl-ispejjeż meta mqabbla mal-2024 li tammonta għal €63k, prinċipalment fl-oqsma li ġejjin:

- żieda fl-ispejjeż tal-pagi ta' €43k – minħabba ż-żieda ta' impjegat full-time minn Marzu 2025 'il quddiem (€16k), spiża annwali sħiħa ta' part-timer li beda f'Settembru 2024 (€5k), żieda fil-pagi skont il-*payscale* tal-2025 (€18k) u żieda fl-*overtime* (€4k);
- żieda fl-ispejjeż tal-perit ta' madwar €7k – minħabba spejjeż ta' darba relatati ma' xogħol ta' disinn għall-proġett fi Triq Victor Vassallo;
- interessi mħallsa lill-kuntrattur Joseph Tabone (għax-xogħlijiet li saru fuq il-pavimentar fi Ġnien l-Istazzjon) li jammonta għal €13k.

| **Salaries** | | **2025** | **2024** | **Movement** |
|---|---|---|---|---|
| **1100** | Mayor's Allowance | 20,014.66 | 18,857.80 | 1,156.86 |
| **1105** | Councilor's Allowance | 28,201.80 | 20,205.96 | 7,995.84 |
| **1200** | Employees' Salaries & Wages | 199,655.62 | 154,070.89 | 45,584.73 |
| **1201** | Exc. Secretary Salaries & Wages | 47,032.50 | 45,149.04 | 1,883.46 |
| | | | | |
| **1300** | Bonuses | 3,779.77 | 3,612.44 | 167.33 |
| **1500** | Social Security Contributions | 19,497.90 | 16,977.17 | 2,520.73 |
| **1600** | Allowances | 3,400.00 | 880.00 | 2,520.00 |
| **1700** | Overtime | 25,171.70 | 21,328.20 | 3,843.50 |
| | | **346,753.95** | **281,081.50** | **65,672.45** |
| | | | | |
| | **LESS** Government refund re salaries: *for 2025 covering 2024 arrears, 2024 4% bonus and 2025 EUR9k extra allowance for councillors* , for 2024 covering extra staff costs re June 2024 LC election | 21,278.00 | 4,599.00 | 16,679.00 |
| | | **325,476.0** | **276,482.50** | **48,993.5** |
| | | | | |

## Operations & maintenance

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2210 | Operating Materials and Supplies | 7,268 | 13,045 | - 5,777 | | |
| 2311 | Upkeep of roads/pavements | 2,505 | 15,902 | - 13,397 | | - 22,812 |
| 2313 | Upkeep of traffic signs | 3,622 | 10,432 | - 6,810 | | |
| 2314 | Upkeep of road marking | 3,888 | 717 | 3,171 | | |
| 3040 | Waste Disposal (Wasteserv) | - | 140,941 | - 140,941 | | - 214,667 |
| 3041 | Refuse Collection | - | 73,726 | - 73,726 | | |
| 3042 | Bulky Refuse Collection | 21,240 | 21,240 | - | | |
| 3043 | Bins on Wheels | 5,192 | 5,157 | 35 | | |
| 3051 | Road & Street Cleaning | 184,621 | 225,233 | - 40,613 | | - 52,121 |
| 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 7,233 | 18,741 | - 11,509 | | |
| 3053 | Cleaning of Public Conveniences | 11,517 | 13,529 | - 2,011 | | |
| 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | 29,632 | 41,368 | - 11,737 | | - 19,950 |
| 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | - | 8,213 | - 8,213 | | |
| | | **276,718** | **588,244** | **- 311,527** | | |

## Admin & other

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 2130 | Electricity | 6,569 | - 1,504 | 8,073 |
| 2140 | Water | 3,598 | 4,310 | - 713 |
| 2150 | Communications - Equipment Rental | 6,166 | 5,181 | 985 |
| 2170 | Council?s Office Electricity | 1,004 | 653 | 351 |
| 2180 | Council?s Office Water | - 559 | 765 | - 1,324 |
| 2220 | Cleaning Materials and Supplies | 18 | 125 | - 107 |
| 2260 | Council?s Office Materials and Supplies | 10,088 | 4,627 | 5,461 |
| 2270 | Uniforms | 299 | 147 | 152 |
| 2310 | Public Property | - | 81 | - 81 |
| 2315 | Bus shelters | - | 800 | - 800 |
| 2330 | Office Furniture and Equipment | 1,319 | 1,708 | - 389 |
| 2340 | Plant and Equipment | 118 | 664 | - 546 |
| 2375 | Council Property | - | 150 | - 150 |
| 2400 | Rent | 610 | 150 | 460 |
| 2450 | Office Rent | 8,750 | 16,700 | - 7,950 |
| 2560 | Membership in Local Organisations | 55 | 55 | - |
| 2610 | Printing | 2,483 | 8,190 | - 5,707 |
| 2620 | Stationary | 2,961 | 4,136 | - 1,174 |
| 2650 | Postage | - | 9 | - 9 |
| 2710 | Maintenance to Vehicles | 3,639 | 3,212 | 427 |
| 2720 | Hire of Transport | 3,584 | 8,328 | - 4,744 |
| 2730 | Hire of Self Drive Cars | - | - | - |
| 2750 | Fuel | 2,162 | 2,236 | - 74 |
| 2780 | Transport to Malta / Gozo | - | 59 | - 59 |
| 2960 | Publications | 145 | 145 | - |
| 2995 | Library | 10,584 | 11,304 | - 721 |
| 3010 | Street Lighting | 9212.26 | 6,122 | 3,090 |
| 3020 | Lease of Equipment | 2624.19 | 3,424 | - 800 |
| 3030 | Insurance | 11,671 | 11,245 | 426 |
| 3035 | Bank Charges | 1,671 | 1,586 | 84 |
| 3055 | Cleaning of Council Premises | 1,300 | 1,320 | - 20 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 3070 | Experts fees | - | 275 | - 275 |
| 3110 | IT services | 3,370 | 2,951 | 419 |
| 3120 | Management and operating services | 2,337 | 14,719 | - 12,382 |
| 3130 | Engineering services (Architect's fees) | 8,850 | 1,941 | 6,909 |
| 3140 | Legal Services | 1,410 | 3,598 | - 2,187 |
| 3160 | Accountancy Services | 4,572 | 4,573 | - 0 |
| 3170 | Marketing Services | 3,990 | 23,930 | - 19,940 |
| 3250 | Course Fees - Local Training | - | 1,495 | - 1,495 |
| 3310 | Entertainment | - | 53 | - 53 |
| 3320 | Conference Expenses | 2,638 | 2,930 | - 292 |
| 3380 | Social Events | 11,662 | 7,331 | 4,331 |
| 3381 | Cultural Events | 2,324 | 6,900 | - 4,576 |
| 3383 | Community services expeses | 16,929 | 19,549 | - 2,620 |
| 3390 | Donations | 2,050 | 2,300 | - 250 |
| 3610 | LES related expenses | 182 | 460 | - 278 |
| 3630 | Local wardens services expenses | 3,435 | - 189 | 3,624 |
| | | **153,820** | **188,743** | **- 34,923** |
| | | | | |
| | Depreciation | 108,447 | 109,959 | - 1,512 |
| | Interest on late payment | 12,942 | - | 12,942 |
| | Bad debt write-off | 607 | - | 607 |
| | | | | |
| | **Total** | **552,533** | **886,947** | **- 334,414** |
| | | | | |
| | | | | |
| | **Operations & maintenance** | 276,718 | 588,244 | - 311,527 |
| | **Administrative & other expenses** | 275,815 | 298,703 | - 22,887 |
| | | **552,533** | **886,947** | **- 334,414** |

| | 2025 | 2024 | Movement |
|---|---|---|---|
| **Income** | | | |
| Government allocation | 784,096.00 | 914,535.00 | - 130,439.00 |
| Other income - government refunds | 21,278.00 | 4,599.00 | 16,679.00 |
| | **805,374.00** | **919,134.00** | **- 113,760.00** |
| | | | |
| LES related income | 3,687.00 | 3,134.00 | 553.00 |
| | | | |
| Permit related income | 66,038.00 | 64,303.00 | 1,735.00 |
| | **875,099.00** | **986,571.00** | **- 111,472.00** |

| | | |
|---|---|---|
| **2025 loss** | **-** | **24,000.0** |
| | | |
| **Expenses in 2025 that will not be incurred in 2026** | | |
| less interest to be paid to Joseph Tabone | | 8,638.0 |
| less rent of LC premises of Triq San't Anna | | 8,750.0 |
| less one off Victor Vassallo architect fee | | 8,777.0 |
| decrease in depn of fully depreciated assets | | 6,842.0 |
| | | **33,007.0** |
| **Known increases in expenses for 2026** | | |
| increase in depn due to New lc office and pC room capitalisation | - | 8,000.0 |
| twinning expenses | - | 10,000.0 |
| increase in payroll as per 2026 payscales | - | 15,000.0 |
| depn adjustment of new LC office rent - IFRS 16 financial lease adjustment | - | 17,000.0 |
| | **-** | **50,000.0** |
| | | |
| **Differences in 2026 income from 2025** | | |
| one-off refund for 2024 salary arrears of 4% bonus + councillors increase received in 2025 only | - | 20,000.0 |
| 2026 increase in gov allocation from 2025 | | 44,000.0 |
| | | **24,000.0** |
| | | |
| **Areas where expenses can be decreased in 2026** | | |
| transport - paramount (one coach less for elderly outing) | | 1,548.0 |
| decrease in overtime | | 5,000.0 |
| decrease in office materials and supplies | | 5,000.0 |
| decrease in road cleaning | | 10,000.0 |
| | | **21,548.0** |
| | | |
| | | **4,555.0** |

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta tħares lura fuq dan kollu hemm bosta spejjeż li mhux sa jsiru din is-sena bħall-ispejjeż ta' perizja ta' Ġnien il-Palma, l-ispiża ta' Triq Victor Vassallo, l-uffiċċini tal-Kunsill jinsabu lesti u l-kera li ħa tiġi assorbita in full bl-ammont ta' €500 fix-xahar flok dik ta' €1600 tas-sena l-oħra. Minn banda l-oħra, kompliet tgħid li d-deprazzament tal-Uffiċċini l-ġodda u dawk tal-kamra tal-kompjuters, ħa jimpatta l-bilanċi negattivament. Semmiet ukoll li aktarx ħa tiġi frankata l-ispiża ta' €10,000 tal-ġemellaġġ minħabba li dawn il-fondi aktarx se jinġabu mir-Reġjun.

Hi qalet li jekk titnaqqas l-ispiża tal-*overtime* u jibqgħu jitnaqqsu l-ispejjeż tas-*supplies* fl-Uffiċċini l-ġodda u ma jibqgħux jinxtraw iktar affarijiet minħabba li l-post issa jinsab mimli joħorġu b'bilanċ pożittiv ta' €4,500.

L-Avukat Caruana qalet li xorta l-FSI mhux sa jkun bilanċ pożittiv ta' 10%. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-FSI jinbidel meta jiġu kapitallizzati l-proġetti li fadal u meta l-ispejjeż li jsiru jkunu ekwi għad-dħul li jkun hemm u jiġu rkuprati l-*payables* in-nies li fadal jitħallsu.

Rigward it-tnaqqis li semmiet is-Segretarju Eżekuttiv, Dr. Caruana saqsiet kif isir l-*overtime?* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*overtime* isir l-iktar fuq attivitajiet. Is-Sur Cordina qal li però anke il-ħaddiema manwali ikollhom *overtime.* Dr. Cassar u Dr. Caruana qalu li jekk ikollhom siegħa xogħol dawn xorta jridu jitħallsu ta' erbgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li tnaqqis ġa beda jiġi mplimentat għax eżempju għall-attività tal-Karnival kienu preżenti kollha però fil-verità kienu xogħol Arthur u Yanica biss. Kompliet tgħid li l-ħaddiema ġew għall-attività minn jeddhom.

Is-Sur Cordina irrimarka li ma jfissirx li dan se jibqa' għal dejjem. Dr. Cassar saqsa jekk l-fondi tal-iskemi ikoprux l-*overtime*? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħafna drabi ma jkunux koperti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi mhix qed taqta' l-*overtime* biex iċċaħħad lill-ħaddiem. Dr. Caruana qalet li dan qed isir biss bħalha eżerċizzju biex jitnaqqsu l-ispejjeż u xejn iktar. Hi qalet ukoll li wieħed irid jara jekk dan hux jikkawża detriment, fejn ma jissejħux il-ħaddiema u x-xogħol imbagħad ma jsirx f'ħin stipulat li jikkawża spejjeż ulterjuri.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sena l-oħra l-*overtime* tela' għall-€24,000. Kompliet tgħid li għall-attività tal-Karnival tas-sena l-oħra kien daħal kulħadd. Dis-sena daħlu tnejn biss, l-attività saret xorta u kif qal is-Sindku kienet suċċess. Hi kompliet tgħid li fl-ebda ħin ma qalet li jkun hemm toqba perikolanti u ma tibgħat lis-Sur Arthur Caruana jsewwiha jew inkella fil-ġurnata tas-Sibt, għall-argument itir xi pajp u tħallieh bl-ilma għaddej.

Hi qalet li għalisssa m'hemmx iktar fejn taqta'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-2025 l-*overtime* tela' għall-€25,444.40 u fl-2023 kien €13,812.22 u s-servizzi kienu qed jingħataw xorta u bl-istess mod.

Is-Sur Cordina qal ukoll li l-*overtime* għal dik is-sena kien ukoll skont kemm kien hemm attivitajiet. Dr. Cassar qal li per eżempju ma kienx hemm FierAmbjent. Dr. Caruana qalet li jekk jogħlew il-pagi togħla r-rata tal-*overtime*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi kienet qalet li parti sostanzjali kien marbut mal-bdil ta' rati.

Is-Sur Cordina reġa' tenna li mhux neċessarjament ħa jibqgħu hekk, għax fl-aħħar mill-aħħar, hemm ċertu nies jibgħatu l-imejls fl-10 ta' bil-lejl u meta jibgħatuhom huma jkunu wkoll. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhumiex obbligati jagħmlu hekk u ħafna minnhom jagħmluhom di buona volontà għax għandhom l-interess tal-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li ma tistax tirraġuna hekk għax ir-rota trid iddur għal kulħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-pagi l-ġurnata tal-lum huma tajbin u kollha taħt il-*collective Agreement* ġdid iġawdu minn pagi tajbin. Is-Sur Cordina reġa'sostna li l-attivitajiet forsi ma kienux l-istess matul is-sena 2023, 2024 u 2025.

Dr. Cassar qal li FierAmbjent kienet saret is-Sibt u anke l-Ħadd u l-*overtime* tas-Sibt mod u tal-Ħadd mod ieħor, imma jekk għalissa qed tieħu xorta l-istess affarijiet tant aħjar.

Is-Sur Cordina qal li qablu kollha u tajjeb li qed jittieħdu ċertu miżuri, imma reġa' tenna li GĦALISSA sakemm titjieb is-sitwazzjoni finanzjarja. U fuq din qal li qed ikun ċar u tond, li tajjeb li ttieħdu ċertu miżuri imma sakemm iqumu fuq saqajhom.

Is-Sur Mangion saqsa jekk iż-żieda tal-allowances ħarġux mill-fondi tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġu mill-fondi tal-Kunsill imma li ġew rifużi mill-Gvern Ċentrali.

Dr. Cassar qal li d-deċizjoni li jiġu fl-uffiċċini l-ġodda kienet waħda għaqlija ħafna għax l-ispazju hu ferm aħjar u l-kera hi ferm konvenjenti u għalkemm l-kirjiet huma għoljin ferm il-fatt li hemm ftehim t'għoxrin sena hu a vantaġġ tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li fuq dan il-punt xtaqet tgħidilhom li l-IFSR 16 jistipula li l-kera li qed tittieħed bħalissa bħalha *prepayment* ikollha tinqala' u tittieħed kollha bħalha ass u għalhekk se jkun hemm deprezzament fuq l-ammont ta' dawn is-sentejn li jista' jimpatta fuq il-*profit and loss*.

Dr. Musumeci qal li ma tantx hemm x'tagħmel dan huma l-proċeduri.

Dr. Caruana saqsiet x'inhuma *non-current assets*? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *non current assets* huma assi li l-Kunsill bi ħsiebu juża u jżomm għal tul ta' żmien bħall-ġonna u huma *Balance Sheet* items.

Dan ir-rapport ġie unanimament maqbul u approvat.

Is-Sur Cordina fakkar fuq il-laqgħa li se mar-residenti rigward l-istorbju nhar il-Ħamis, 26 ta' Frar fiċ-Ċentru Parrokkjali għal min jixtieq jattendi.

## 23.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

23.4.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.25pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' Marzu 2026 fil-5.30pm

Konfermati illum, 24 ta' Marzu 2026.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv